# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **14 TA' OTTUBRU 2018**

**Seminarista Jean-Claude Schembri**

Nagħtu merħba lis-Seminarista Jean-Claude Schembri mill-Parroċċa ta' Santa Katarina, iż-Żejtun, li matul din is-sena se jkun qed jagħmel esperjenza pastorali fil-Parroċċa tagħna bħala seminarista. Jean-Claude qed jagħti bidu għall-ħames sena tiegħu ġewwa s-Seminarju tal-Arċisqof. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Illum is-Sibt 13 ta' Ottubru 2018 fis-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtù , ir-Rabat, fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Hospice Movement**

Fostna fuq iz-zuntier għandna voluntiera u membri tal-Hospice Movement li qed jilqgħu xi donazzjonijiet tagħna. Il-Hospice tara 'l fuq minn elf pazjent fis-sena u familjari tagħhom li jkunu għaddejjien mill-marda tal-kancer. Dawn is-servizzi jiġu offruti kollha mingħajr ħlas. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**Magħmudija Komunitarja**

Għada l-Ħadd 14 ta' Ottubru 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Għada l-Ħadd 14 ta' Ottubru 2018 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 9 ta' Ottubru 2018 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji **fi Triq Gidwet u Triq is-Skiet**.

**Kummissjoni Familja**

L-Erbgħa 17 ta' Ottubru 2018 fis-7:15pm tiltaqa' l-Kummissjoni Familja fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Adorazzjoni u Qrar bi tħejjija għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof**

Il-Ġimgħa 19 ta' Ottubru 2018 mis-7:30pm sat-8:30pm ser issir adorazzjoni fis-Sala Sant'Anna bi tħejjija għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Kulħadd huwa mistieden sabiex nitolbu flimkien mal-ġenituri u l-parrini tal-adolexxenti li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Ikun hawn ukoll is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar.

**Il-Griżma tal-Isqof**

Is-Sibt u l-Ħadd li ġej ser niċċelebraw il-Griżma tal-Isqof. Matul din il-ġimgħa se jsiru l-aħħar preparamenti skont kif inhuwa mfassal fil-programm li tqassam fiċ-Ċentri tad-Duttrina. Is-Sibt il-Griżma tibda fl-4:30pm u l-Ħadd tibda fl-4:00pm. Nhar is-Sibt ma jkunx hawn quddiesa fil-5.15pm. Ikun hawn tas-6.30pm u tat-8.00pm.

**Ġurnata Missjunarja**

Is-Sibt 20 u l-Ħadd 21 ta' Ottubru 2018 hija l-Ġurnata Missjunarja. Il-ġbir kollu li se jsir fil-knejjes tad-dinja Kattolika jmur biex il-Kelma ta' Alla tixxandar anke f'artijiet ġodda tal-missjoni. Nirringrazzjawkom tal-ġenerożità tagħkom.

**Rużarju f'Ottubru**

Niftakru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru, fis-5:55pm (qabel il-quddiesa tas-6:30pm), jitalab ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat. Nhar ta' Sibt jibda wara l-quddiesa tas-6:30pm u l-Ħadd jibda fil-5:25pm. Inħeġġukom sabiex bħala familja titolbu t-talba tar-Rużarju flimkien.

**Solennità tal-Qaddisin Kollha**

L-Erbgħa 31 ta' Ottubru 2018 flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha. Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa fis-Sala Sant'Anna u wara *party* u logħob għat-tfal flimkien mal-familja tagħhom. **Inħeġġu lit-tfal jiġu libsin tal-Qaddis favorit tagħhom!**

**Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ**

Mill-Ġimgħa 16 sal-Ħadd 18 ta' Novembru 2018 qed jiġi organizzat weekend irtir għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ bl-isem 'Connect', ġewwa l-Marsaxlokk Activity Centre, bi tħejjija għall-Avvent. Min huwa interessat jista' jieħu karta ta' applikazzjoni mis-sagristija jew ikellem lil xi ħadd minna s-saċerdoti jew leaders ta' Youths Marsaskala.

**Kors ta’ Kana bi tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani**

Fil-Parroċċa tagħna l-Kors ta’ Kana ser jibda il-Ġimgħa 18 ta’ Jannar 2019. Niltaqgħu nhar ta’ Ġimgħa fis-7:30pm fis-Sala Sant’Anna bejn Jannar u Marzu. L-għarajjes interessati għandhom japplikaw billi iċċemplu l-Uffiċċju Parrokkjali (21636704 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali) jew jinkitbu fis-sagristija.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella’ l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila u b’hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.

**Kummissjoni Djakonija**

Il-Parroċċa tagħna bħalissa qed tgħin 68 familja permezz tal-Kummissjoni Djakonija. Min jixtieq jagħti oġġetti ta’ ikel jew *preserves* jista’ jħallihom fil-knisja parrokkjali fil-qoffa apposta quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**Uffiċċju Parrokkjali Ġdid**

L-Uffiċċju Parrokkjali qed jiftaħ fi Triq San Ġorġ, mal-baħar, fejn kien fl-antik. Il-ħinijiet tal-uffiċċju baqgħu l-istess, nhar ta’ Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa bejn l-4.30pm u l-5.30pm.

**‘Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar’**

Il-Kunsill Lokali se jorganizza kors prattiku mingħajr ħlas: ‘Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar’. Il-kors se jibda nhar it-Tlieta, 16 t’Ottubru, mill-4.30pm sas-6.30pm fiċ-Ċentru ta’ Taħriġ, 59 Triq il-Kappara. Kull min hu interessat jattendi jista’ japplika billi jmur l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**Mill-Kunsill Lokali**

Dawk kollha li nkitbu mal-Kunsill Lokali sabiex jieħdu t-tilqima tal-influwenza ninfurmawhom li ser tibda tingħata fl-uffiċini tal-Kunsill bejn it-Tnejn 29 ta’ Ottubru u l-Ġimgħa 2 ta’ Novembru 2018 mit-8:00am sa 12:00pm.